MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru. 44/2003

Il-Pulizija
(Sp Chris Galea Scannura)
vs
Steve Bugeja, iben Victor, imwieled Pieta' fit-13 ta' Diċembru, 1973
u
Ronald Butler, iben Lawrence, imwieled Senglea fil-5 ta' Marzu, 1954
u
Arturo Giorgio Ebejer, iben Guido, imwieled Cospicua fl-24 ta' Settembru, 1963
u
Domenic Azzopardi, iben Antonio, imwieled Pieta' fis-26 ta' Diċembru, 1970
u
Vincent Testaferrata de Noto, iben Frederick, imwieled Pieta' fit-8 ta' Ġunju, 1972
u

Pierre (Pierre Mario) Borg, iben Paul, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ April, 1963

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni –
Kontra **Steve Bugeja, Ronald Butler, Arturo Giiorgio Ebejer** u **Domenic Azzopardi**, waħedhom, talli matul il-perjodu ta’ bejn ix-xahar ta’ Novembru, 2001 u ix-xahar ta’ Mejju, 2002, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. bnew, biddlu, għamlu, ipposjedu, biegħu jew xtraw xi apparat li bih kienu jistgħu tikkonettu kontra l-liġi ma sistema ta’ telekomunikazzjoni;
2. talli fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkkostanżi, iffalsifikaw jew biddlu, mingħajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew xjentement, għamlu użu ta’ dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;
3. talli fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanżi, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ bi ħsara ta’ ħaddieħor, u cioe’ il-kumpanija Melita Cable plc;
4. talli fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanżi bi ħsara ta’ ħaddieħor, u cioe’ tal-kumpanija Melita Cable plc, għamlu xi qliegħ ieħor b’qerq.

Kontra **Ronald Butler** u **Arturo Giorgio Ebejer**,waħedhom, talli matul il-perjodu ta’ bejn ix-xahar ta’ Novembru, 2001 u ix-xahar ta’ Mejju, 2002 f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. qattgħu, kissru, waqqgħu, iddistruġġew, għamlu ħsara, neħħew, bagħbsu jew ikkonettew ma xi parti ta' apparat, duct, arblu, cabinet, fil, cable, jew oġġetti jew ħaġa li tkun, li jagħmlu sehem minn, jew li jintużaw jew iservu fin-network ta' cable television jew fit-tħaddim tiegħu jew għal għoti tas-servizz ta' cable television;
2. f'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer biegħu jew offrew għall-bejgħ jew ipprovdew jew installaw jew użaw xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk l-istandards tekniċi jew speċifikazzjonijiet hekk meħtieġa jew stabbiliti minn jew taħt l-Att li Jirregola t-Telekomunikazzjonijiet, jew li kienu jafu, jew kellhom raġuni valida għaliex jobsru, li jkunu difettuzi jew inkompattibbli mas-servizzi li jkunu inbiegħu, ġew provduti, installati jew użati għalihom;

Kontra **Steve Bugeja**, waħdu, talli matul il-perjodu ta' bejn ix-xahar ta' Novembru, 2001 u l-20 ta' Marzu, 2002 fil-fond numru 69B, Triq il-Hortan, Marsaskala, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. qatta, kisser, waqqa, iddistruġġa, għamel ħsara, neħħa, bagħbas jew ikkonnettja ma xi parti ta' apparat, duct, arblu, cabinet, fil, cable jew ħaġa li jkunu, li jagħmlu sehem minn, jew li jintużaw jew iservu fin-network ta' cable television jew fit-tħaddim tiegħu jew għall-għoti tas-servizz ta' cable television;
2. fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, ipprovda jew offra għal bejgħ jew ipprovda jew installa jew uża xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk l-istandards tekniċi jew speċifikazzjonijiet hekk meħtieġa jew stabbilit minn jew taħt l-Att li Jirregola t-Telekomunikazzjonijiet;
3. f'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer uża xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkkunx dak li għalih ikun ġie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-

telekomunikazzjonijiet jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew;

Kontra **Vincent Testaferrata de Noto** u **Pierre (Pierre Mario) Borg**, waħedhom:
1. talli f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn ix-xahar ta' Novembru, 2001 u l-20 ta' Marzu, 2002, f'dawn il-Gżejjer, bnew, biddlu, għamlu, ipposjedu, biegħu jew xtraw xi apparat li bih kienu jistgħu jikkonnettu kontra l-liġi ma sistema ta' telekomunikazzjoni;
2. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, b'xi mod li jkun, xjentement għinu jew assistew lill-awtur jew awturi tad-delitt, li b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew urew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarjji jew sabiex iqanalu tama' jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, u cioe' l-kumpanija Melita Cable plc;
3. f'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer użaw xi sistema jew apparat ta' tlekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih jjkun ġie provdut, jew naqsu milli josservaw dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew tagħmir jew għamlu użu minnu mhux sew;

Kontra **Domenic Azzopoardi**, waħdu, talli matul il-perjodu ta' bejn ix-xahar ta' Novembru, 2001 u ix-xahar ta' Mejju, 2002, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. f'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli bejgħ jew offra għall-bejgħ jew ipprovda jew installa jew uża xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk l-istandards tekniċi jew speċifikazzjonijiet hekk meħtieġa jew stabbiliti minn jew taħt l-Att li Jirregola t-Telekomunikazzjonijiet, jew li kien jaf, jew kellhu raġuni valida għaliex jobsor, li jkunu difettuzi jew inkompattibbli

mas-servizz li jkunu nbiegħu, ġew provduti, installati jew użati għalihom;
2. f'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer uża xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ikun ġie pprovdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew;
3. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, qata, kisser, waqq, iddistruġġa, għamel ħsara, neħħa, bagħbas jew ikkonnetta ma xi parti ta' apparat, duct, arblu, cabinet, fil, cable, jew oġġetti jew ħaġa li jkun, li jagħmlu sehem minn, jew li jintuzaw jew iservu fin-network ta' cable television jew fit-tħaddim tiegħu jew għall-għoti tas-servizz ta' cable television.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Awwissu, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijijiet taħt dak li hemm maħsub:
Fil-konfront ta' **Steve Bugeja** –
a. fl-artikoli 18, 298A, 298(b), 308, 309, 310, 326(g), 31, 17(b)(h), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 39(1)(b)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' **Arturo Giorgio Ebejer** u **Ronald Butler** –
a. fl-artikoli 18, 298A, 298(b), 308, 309, 310, 326(g), 31, 17(b)(h), 20, 23 u
533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 39(1)(b)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
fil-konfront ta' **Domenic Azzopardi** –
a. fl-artikoli 18, 298A, 298(b), 308, 309, 310, 326(g), 31, 17(b)(h), 42(d), 20,
23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 39(1)(b)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' **Vincent Testaferrata de Noto** –
a. fl-artikoli 298A, 308, 309, 310, 18, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

b. fl-artikolu 39(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' **Pierre (Pierre Mario) Borg** –
a. fl-artikoli 298A, 308, 309, 310, 18, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 39(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2009 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-kwerela tas-soċjeta' Melita Cable plc tad-9 ta' April, 2002.

Rat il-'letters to prosecute' maħruġa mill-'Malta Communications Authority' fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati li jġibu d-data tat-22 ta' Novembru, 2002.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-14 ta' Frar, 2002 il-Melita Cable plc li jipprovdu servizz tat-television bil-cable kellhom ħsara fis-sistema tagħhom f'Marsaskala. Il-ħaddiema marru fuq il-post u wara li sewwew il-ħsara li kien hemm ħabbtu l-bieb tar-residenza tal-imputat Steve Bugeja. Huma daħlu f'dan il-fond u wara li vverfikaw l-affarijiet tagħhom sabu 'decoder' li ma kienx skond l-ispeċifikazzjoni maħruġa mill-kumpanija.

Illi kkonsegwenza ta' dan il-fatt is-soċjeta' Melita Cable plc bagħtet kwerela lill-Kumissarju tal-Pulizija biex jieħdu passi Kriminali kontra Steve Bugeja.

Illi l-pulizija kellmet lill-imputat Steve Bugeja u konsegwenza ta' l-istqarrija tiegħu l-pulizija skopriet li l-problema tad-'decoders' kien aktar mifrux milli wieħed setgħa jobsor.

Illi l-pulizija komplew jinvestigaw dan il-każ u konsegwenza ta' l-istħarriġ li sar tressqu l-Qorti l-imputati hawn fuq imsemmija.

Illi dawn huma l-fatti fil-qosor li wasslu biex tiġi mibdija din il-kawża.

Illi jmiss li jiġu analizzati l-akkużi miġjuba kontra l-imputati, mingħajr ma ninsew li fil-kamp penali għandha tinġieb l-aħjar prova possibbli biex il-ħtija tiġi pruvata mingħajr ebda dubju.

Illi xi wħud mill-imputati huma akkużati li għamlu qliegħ bi ħsara tas-soċjeta' hawn fuq imsemmija.  Illi ma tirrizulta ebda prova minn fejn jirrizulta li din is-soċjeta' kellha xi telf materjali.  Billi tiġi eżebita skeda ta' ħlas mhux biżżejjed. Il-prosekuzzjoni ndikat ix-xhur fejn setgħa sar gwadan min-naħa ta' l-imputati u il-prova tat-telf pekunjarju kien jispetta lis-soċjeta' msemmija li min-naħa tagħha ma għamlet xejn.

Illi fil-mori tal-kawża ġew eżebiti żewġ 'decoders' li ġew elevati mill-imputati Steve Borg u Ronald Butler, rispettivament.  Illi la ntalbet wisq anqas saret periżija teknika biex jiġi stabbilit li dawn iż-żewġ 'decoders' kienu realment manomessi.  F'każijiet bħal dawn din hi prova essenzjali li għandha ssir biex jiġi mneħħi kwalunkwe dubju li seta' kien hemm xi manomissjoni da parti ta' terżi persuni a skapitu ta' l-imputati.

Illi l-imputati huma akkużati wkoll taħt l-artikolu 298A tal-Kodiċi Kriminali dwar sistema ta' telekomunikazzjoni.  Ma hemm ebda dubju li 'decoder' ma jistax jiġi klassifikat bħala sistema ta' komunikazzjoni kif intiż f'dan l-artikolu. Id-'decoder' hu apparat li hu ntiż li jirċievi nformazzjoni diġitali li tiġi mibdula fi stampa u f'diskors.  Ma hemm ebda komunikazzjoni iżda biss 'receipt' ta' informazzjoni.

Għalhekk, tali artikoli tal-liġi ma jistaż jiġi applika f'dan il-każ.

Illi l-imputati ġew akkużati taħt il-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta li hu l-Att Biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi. L-artikolu ndikat hu l-artikolu 39(1)(b)(d) ta' dan l-Att. Dan l-artikolu ma jeżistix u kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------